MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 638/2009

**Ronald Galea u martu Sarah Galea**

***Versus***

**John Portelli f'isem is-soċjetà *CMA CGM Agencies Worldwide***

F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu li s-soċjetà konvenuta tiġi ordnata tikkanċella l-iskrizzjoni ta' ipoteka ġenerali fuq il-proprjetà tal-istess atturi wara li d-dejn imħares b'dik l-ipoteka tħallas.

Din l-ipoteka kienet ġiet iskritta kontra l-atturi wara li dawn bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tat-12 ta' Lulju 2007 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar kienu għarfu li kienu debituri tal-konvenuta. Issa li l-atturi ħallsu kull dejn li kellhom mal-konvenuta, ma għad hemm ebda raġuni għala l-ipoteka għandha tkompli tolqot ħwejjiġhom. Billi iżda għalxejn sejħu lill-konvenuta, ukoll bi protest gudizzjarju tat-13 ta' April 2009, sabiex tħassar l-ipoteka, l-atturi kellhom jiftħu l-kawża.

L-atturi qegħdin ukoll jitolbu l-ispejjeż tal-kawża.
Il-konvenuta, ghalkemm notifikata bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, baqgħet kontumaċi u ma ressqitx eċċezzjonijiet, ma dehritx għas-smigħ tal-kawża u ma għamlitx sottomissjonijiet bil-miktub ghalkemm ingħatat żmien għalhekk kif igħid u jrid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
Waqt is-smigħ tal-kawza, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2009, l-atturi ippreżentaw nota li biha ċedew il-kawża fil-meritu izda żammew it-talba għall-ispejjeż. Ir-raġuni kienet illi fis-7 ta' Awissu 2009, wara li nfetħet il-kawża, sar l-att ta' kanċellament li riedu l-atturi.
Billi l-ħtieġa li ssir din il-kawża qamet minħabba n-nuqqas tal-konvenuta li tħassar l-ipoteka hekk kif id-dejn minnha mħares tħassar, huwa xieraq lil-ispejjeż tal-kawża tħallashom il-konvenuta. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawza billi, wara li ma tqisx it-talbiet tal-atturi fil-meritu, tikkundanna lil konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------